"Jiena nemmen! Għinni fil-fidi nieqsa tiegħi!"
(Mk 9,24)

.

**LECTIO DIVINA**
**L-Epifanija**
**(Sena Ċ)**

**Mt 2,1-12**

żmien ta' kontemplazjoni fuq il-misteru ta' Ġesù

Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù
Rabat – Għawdex
2013

**xi maġi mil-Lvant ġew Ġerusalemm jistaqsu...**
**telqu lura minn triq oħra**

**"Meta twieled Ġesù f'Betlehem tal-Lhudija, fi żmien is-sultan Erodi, xi maġi mil-Lvant ġew Ġerusalemm jistaqsu:" (v. 1)**
Il-maġi (aktar milli sħaħar kienu saċerdoti aktarx kasti, għorrief u astroloġi mill-Babilonja fil-Persja) kienu jissaħħru bil-kobor immens tas-sema. Minn din l-osservazzjoni tas-sema jiġi l-għerf. Is-sema jirregola l-art (id-dinja): staġuni, żminijiet, ħin...
Għall-maġi x-xjenza hija mezz u mhux skop fih innifsu. Huma jinqdew biha biex jaslu x'imkien. Fil-fatt huma jistqasu "Fejn..." (v. 2)

Quddiem ir-rivelazzjoni ta' Alla (kien x'kien il-mezz li hu għoġbu juża) il-maġi "iħallu kollox u jimxu [wara]" (ara Lq 5,11 u Mt 19,27); ma jħallux ir-riskji u l-perikli jaqtgħulhom qalbhom, ma jagħmlux *kalkoli* umani (ara Lhud 11,8).

**"'Fejn hu dak li twieled sultan tal-Lhud? Għax rajna l-kewkba tiegħu tielgħa, u ġejna nqimuh.'" (v. 2)**
L-atteġġjament ta' tiftix huwa *virtù* għaliex il-persuna tkompli tinfetaħ għat-tagħlim u għall-għerf – mezz biex tasal għall-verità. Barra mill-kewkba li tigwida, hemm il-"Fejn hu...?"; il-mistoqsija li qed timmotiva u tistimola l-maġi jkomplu mexjin u jirbħu l-isfidi biex isibu lis-"sultan tal-Lhud". Hawn tidher ix-xewqa kbira għal-laqgħa mal-verità li skont kemm tkun kbira u konvinta din ix-xewqa, timbotta lill-persuna biex tkompli tfittex dak li tixtieq issib.

"rajna u ġejna" – atteġġjament ta' koerenza u allura juri sinċerità u ġenwinità. Mhux biżżejjed li tara u titgħallem, imma fid-dawl ta' dak li rajt, smajt, tgħallimt... trid tieħu *azzjoni*.

**"Is-sultan Erodi sama' bihom, u tħawwad hu u Ġerusalemm kollha miegħu. Ġabar flimkien il-qassisin il-kbar u l-kittieba kollha tal-poplu, u ried jaf mingħandhom fejn kellu jitwieled il-Messija." (vv. 3-4)**
Meta l-ambizzjoni, l-istima żejda tiegħek innifsek (stima esaġerata), il-kilba għall-poter, l-interessi personali jiġu fl-ewwel post, kollox isir strument "leċitu" biex wieħed jilħaq l-iskop ewlieni tiegħu (ara ukoll versi 7 u 8). Erodi jasal biex saħansitra jipprova joqtol lill-mistenni sa mill-qedem u li kien mħabbar mill-profeta (ara v. 5); il-Messija.

**"U huma qalulu: 'F'Betlehem tal-Lhudija, għax hekk inkiteb mill-profeta..." (v. 5)**
Il-qassisin il-kbar u l-kittieba jafu r-risposta eżatta: "Fejn kellu jitwieled il-Messija". L-iskrittura *jafuha* sew. Huma kapaċi jindikaw tajjeb *lill-oħrajn* fejn, imma huma ma jgħaġġlux imorru Betlehem, anzi lanqas biss jitħarrku: "Mela kulma jgħidulkom huma agħmluh u ħarsuh, iżda tagħmlux kif jagħmlu huma, għax huma kliem biss għandhom, imma fatti xejn. Huma jorbtu qatet kbar u tqal u jgħabbuhom fuq spallejn ħaddieħor, waqt li huma stess anqas b'sebagħhom wieħed ma jridu jħarrkuhom." (Mt 23,3-4)

**"'U int, Betlehem, art ta' Ġuda, le, m'intix l-iżgħar fost il-bliet il-kbar ta' Ġuda, għax minnek joħroġ mexxej li jirgħa l-poplu tiegħi Iżrael.'" (v. 6)**
"Alla jagħżel liċ-ċkejkna biex iħawwad lill-qawwija." (1 Kor 1,27.28 u 1 Kor 2,8, Dewt 7,7, 1 Sam 16,11, Mt 25, 40.45, 1 Kor 2,8)

**"Erodi mbagħad sejjaħ lill-maġi bil-moħbi, u tkixxef bir-reqqa kollha mingħandhom iż-żmien li fih dehritilhom il-kewkba; bagħathom Betlehem u qalilhom: 'Morru, staqsu sewwa għat-tifel, u meta ssibuh ejjew għiduli, ħalli jien ukoll niġi nqimu.'" (vv. 7-8)**

Erodi inqeda kemm b'kategorija *indifferenti* ta' nies – saċerdoti kbar u kittieba (ara v. 4) – u issa jinqeda ukoll b'kategorija ta' nies *żelanti*, impenjata bis-serjetà u sinċiera biex jilħaq l-iskopijiet tiegħu.

**"Kif raw il-kewkba mtlew b'ferħ kbir tassew." (v. 10)**
F'Alla li hu mħabba hemm il-ferħ veru tal-qalb.
Id-dwejjaq, l-ansjetà u n-nuqqas ta' sodisfazzjon huma sinjal tan-nuqqas tiegħu (jista' jindika nuqqas ta' intenzjoni retta; xewqa għall-awtorealizzazzjoni). Dan meta mhux kontrollat iwassal lill-bniedem biex ifittex il-ferħ tiegħu f'postijiet żbaljati b'modi żbaljati.

**"Meta mbagħad daħlu d-dar u raw lit-tifel ma' ommu Marija, nxteħtu fl-art iqimuh; fetħu t-teżori tagħhom u offrewlu rigali..." (v. 11)**
It-tifel dejjem jinstab flimkien ma' ommu.

"nxteħtu fl-art iqimuh" (πεσόντες προσεκύνησαν αὐτῷ - titbaxxa minn jeddek għal stat aktar baxx, minn bilwieqfa għal mimdud [quddiem id-divinità jew persuna li jkun jixirqilha rispett kbir jew inkella quddiem oġġett qaddis; l-aktar rispett assolut li wieħed jista' jagħti]. Fost l-Orjentali speċjalment għall-Persjani dan kien ifisser li l-persuna tinżel għarkupptejha u tmiss l-art bi ġbina).
Adorazzjoni (ad + orare [os]) tqarreb u tmiss max-xuftejn (tbus); xewqa li titwaħħad ma' (ara vv 2.8.11).
Dan huwa l-iskop tal-vjaġġ kollu – il-ħajja tal-bniedem – li jasal, jadura, u jsir ħaġa waħda mal-Ħallieq tiegħu.

Għal San Mattew it-teżor huwa l-qalb tal-bniedem "fejn hemm it-teżor tiegħek hemm tinsab qalbek." (Mt 6,21. Ara ukoll 12,35; 13,52; 19,21)

**"Mbagħad, billi kienu mwissijin f'ħolma biex ma jerġgħux imorru għand Erodi, telqu lura lejn arthom minn triq oħra." (v. 12)**
Il-laqgħa ma' Ġesù tagħmilhom egħref minn qatt qabel. Ma tistax tiltaqa' verament ma' Ġesù u tibqa' fejn tkun. Il-maġi, wara l-laqgħa tagħhom ma' Kristu *jagħrfu* li issa hemm bżonn jaqbdu triq oħra.